MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Numru 892/2008

IL-PULIZIJA
SPETTUR LOUIS CALLEJA
VS
GORDON MALLIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gordon Mallia, ta' 24 sena, iben Paul u Maria Anna imwielda Caruana, imwieled il-Pieta' fil-21 ta' Jannar 1984, residenti 231, Triq Sammat, Tarxien u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 78084(M).

U akkuzat talli fis-23 ta' Mejju 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra mninn Malta, kellu fil-pussess tieghu ritratt, *film*, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 208A(1)(B) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat (fil-Verbal tal-5 ta’ Dicembru ta’ 2008);

Semghat il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat, Gordon Mallia, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 208A (1) (2), Artikolu 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena.

In oltre l-Qorti tqieghed lill-imputat, Gordon Mallia, taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta’ sena u ai termini ta’ Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat, Gordon Mallia, taht Treatement Order, b’dana li ghandu jiehu terapija minghand il-Clinical Psychologist Roberta Holland, mhux anqas minn darba fix-xhar, ghal perijodu ta’ sena jew skond id-direzzjonijiet ta’ l-istess Clinical Psychologist, Roberta Holland.

Din il-Piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ ta’ l-imputat, il-fedina nadifa tieghu, l-ammissjoni bikrija minn banda wahda u l-kwalita’ u kwantita’ ta’ ‘images’ pornografici ta’ tfal taht l-eta’ mill-banda l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------